# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 21/2016**

Il-Pulizija

vs

**Joseph Caruana**

detentur tal-karta ta' l-identita' numru 260462(M)

Illum, 9 ta' marzu, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Caruana quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli b'diversi atti maghmulin minnek, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, naqas li taghti 230 Ewro fix-xahar meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt lil Maria Rita Calleja u/jew lil uliedu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghalija u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum minn dak il-jum li fih skont dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-7 ta' Jannar, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ikkundannatu ghal xahrejn detenzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Caruana pprezentat fit-22 ta' Jannar, 2016 fejn talab li din il-Qorti tirrevoka u thassar is-sentenza precitata mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-18 ta' Jannar 2016 u minnflok tipprovdi billi ssib lill-esponent mhux hati tal-akkuzi hekk kif migjuba kontrih u ghalhekk tilliberah minnhom u, minghajr pregudizzju ghal dak hawn fuq mitlub, f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti xorta wahda jidhrilha li ghandha tippersisti s-sejbien tal-htija, allura li l-piena finalment inflitta ghandha tkun ferm imnaqqsa u anke konsonanti kemm mal-offiza nnifisha u anke mal-provvedimenti applikabbli ghal drittijiet fondamentali tal-bniedem hekk kif protetti anke bil-Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta (inkluz l-Artikolu 1 tar-Raba' Protokoll li hemm mal-istess Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali).

Salv kull provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti joghogobha taghti.

Bl-ispejjez u b'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-appellant, kompriz dawk ghar-rimedju effettiv dwar l-ksur lampanti tad-drittijiet fundamentali tal-esponent li sehh bis-sentenza appellata.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

1. Illi l-appellant jhossu manifestament aggravat bis-sentenza precitata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali presjeduta mill-Magistrat Dr Anthony J Vella LL D fil-kawza fl-ismijiet premessi fit-18 ta' Jannar 2016.

2. Illi s-sentenza appellata moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) ma tikkonformax mal-principji tal-gustizzja naturali, senjatament peress illi hija nieqsa mill-grad ta' carezza u motivazzjoni rikjesta mill-ligi u anke peress illi ma nghata l-ebda raguni valida li a bazi taghha l-appellant kellu jigi kkundannat ghal xahrejn detenzjoni, anzi hekk kif jidher lampanti mill-atti is-sentenza tezawrixxi ruhha biss fil-kliem "xahrejn detenzjoni". Ghalhekk dik is-sentenza bl-aktar

mod car u manifest kissret id-drittijiet fundamentali tal-appellant ghal smiegh xieraq hekk kif protetti mill-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta li tiggarantixxi smiegh xieraq lil kull persuna hawn Malta. Daqstant iehor dik is-sentenza kissret id-drittijiet fundamentali tal-appellant protetti mil-artikoli 6 u 7 tal-Ewwel Skeda tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta) li wkoll jiggarantixxi smiegh xieraq lil kull persuna hawn Malta u li piena ma tkunx aktar harxa minn dik stabbilita fil-ligi.

3. Illi oltre l-premess, l-Ewwel Qorti kienet fid-dover li tindika l-provvedimenti precizi tal-ligi li a bazi taghhom giet inflitta l-piena precitata meta ghaddiet biex timponi xahrejn detenzjoni fuq l-appellant.

4. Illi dwar l-apprezzament tal-fatti l-Qorti tal-Magistrati (Malta) kienet, bir-rispett kollu, ukoll zbaljata totalment u anke applikat il-provvedimenti u uzanzi legali applikabbli ghall-process kriminali b'mod zbaljat u dan ukoll wassal lill-Ewwel Qorti sabiex tinfliggi piena goffa. Tant hu hekk li dik il-Qorti imponiet il-piena massima ghal-kontrovenzjonijiet kontra l-esponent.

5. Illi oltre l-premess, il-prosekuzzjoni naqset ghal kollox milli tipprova li l-allegati nuqqas tas-somministrazzjoni tal-manteniment mensili sal-grad ezigit mill-ligi u b'hekk, l-Ewwel Qorti zbaljat talli sabet lill-appellant hati taht l-artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. Illi l-oneru tal-prova rikjest fil-kamp penali huwa mixhut fuq il-prosekuzzjoni u il-Qorti ghandha l-obbligu li ssib lill-imputat hati biss jekk il-provi tal-prosekuzzjoni huma totalment sodisfacenti u ma jhallu ebda dubju dwar il-kolpevolezza tal-imputat. L-icken dubju kkawzat f'dawn il-provi jew bil-provi prodotti mid-Difiza ghandu per forza jmur favur l-imputat li ghandu immedjatament tigi ddikjarata liberata – *in dubio pro reo*. Din hija l-prassi legali ben stabbilita f'dan il-pajjiz [vide '**il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et**' deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha (7) ta' April, 1992].

7. Illi huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali, li biex l-akkuzat jigi misjub hati, l-akkuza dedotta ghandha tigi ppruvata oltre kull dubju ragjonevoli, cioe' oltre kull dubbju dettat mir-raguni [vide **il-Pulizija vs Joseph Cini** deciza mill-Qorti tal-

Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-tnax (12) ta' Gunju, 2012]. Huwa veru mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi liberat, izda l-fatt jibqa' li dak li malli jkun dubbju dettat mir-raguni f'mohh il-gudikant, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni ma giex hekk ppruvat allura l-gudikant ghandu jillibera l-imputat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu.

8. Illi oltre dan hija dejjem il-prosekuzzjoni li trid tipprova l-elementi kollha tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u dan dejjem sal-grad ta' konvinciment morali tal-gudikant [vide **<u>Il-Pulizija v Paul Farrugia</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta (3) ta' Marzu 2000]. Dan m'hu xejn hlief l-applikazzjoni tal-principju fondamentali fis-sistema legali taghna, li min qed jallega fatt irid jippruvah.

9. Illi mill-banda l-ohra, l-imputat, prezunt innocenti, m'ghandu jipprova xejn, izda jekk ihoss li ghandu jipprova xi haga, dan jista jghamlu anke jekk jasal sal-grad ta' probabbli [vide **<u>Il-Pulizija v Joseph Ciscaldi</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghaxra (10) ta' Lulju 1998].

10. Illi b'zieda ma dak gja inghad, u senjatament ghal dak li ghandu x'jaqsam dwar il-piena inflitta jirrizulta lampanti li l-Ewwel Qorti zbaljat meta nfliggiet piena ta' tlett (3) xhur prigunerija fuq l-appellant, wara kollox anke f'kaz ta' meta persuna tinsab li tkun recidiva tal-kontravenzjoni taht l-artikolu 338(z) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta din ma tistax tehel l-istess gravita' ta' piena li giet inflitta fuq l-appellant ghaliex skont l-istess artikolu 338(z) il-hati jehel piena ta' "detenzjoni ta' mhux iżjed minn tliet xhur jew multa ta' mhux iżjed minn mitejn euro jew priġunerija għal żmien mhux iżjed minn xahrejn".

11. Illi ghalhekk, u minghajr pregudizzju ghal dak precitat, jirrizulta lampanti li l-appellant gie manifestement aggravat bil-pieni li l-Ewwel Qorti infliggiet fuqu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu, 2018 il-Qorti giet infurmata li l-appellant hallas dak kollu dovut lill-part civile.

Ghaldaqstant, din il-Qorti tichad l-appell ta' Joseph Caruana fil-meritu u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka l-piena nflitta u minflok piena karcerarja tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett xhur mil-lum.